MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Numru. 812/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daniel Zammit]**

**vs**

**Naser Abdullah Adam**

Kumpilazzjoni Numru: 812/2008

**Illum 30 ta’ Marzu 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Naser Abdullah Adam ta’ 26 sena, iben Adam u Umdour, imwieled Sudan nhar l-1 ta’ Jannar, 1982, detentur tal-karta ta’ l-Identita’

bin-numru 42194A u residenti gewwa Marsa Open Centre, Xatt il-Mollijiet, Marsa.

Akkuzat talli:
1. Nhar id-29 ta' Awissu, 2008, ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30 hrs) gewwa Triq san Bastjan, Qormi, ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBG 817, ghad detriment ta' Spiridione Camenzuli, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329, 37) u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attaka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb li hija vjolenza pubblika, fuq PC 1469 u PC 686 li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill awtorita kompetenti;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, uza u cioe' saq vettura Tata Indica CBG 817 meta ma kienx koperti b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li biha baghat lill-imputat biex jigi gudikat skond l-artikoli:
a) 261(c), 261(g), 267, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 96(a) u 98 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta;
d) 3(1), 3(1A), u 3(2)(2A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta; u
e) 17, 31 u 533 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 30 ta' Marzu 2009 meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet lilu addebietati

ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta' l-Avukat Generali.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet lilu addebietati; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati  kif ukoll l-fedina penali ta'l-imputat li hija wahda netta.

Illi l-Qorti, ai fini ta'l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hadet in konsiderazzjoni li ma saret l-ebda inkjesta b'referenza ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri u lanqas ma gew nominati esperti fil-mori tal-kawza; konsegwentement ma gew rinkorsi l-ebda spejjez peritali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 96(a), 98, 261(c), 261(g), 267, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta u l-artikoli 3(1), 3(1A), u 3(2)(2A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija u tiskwalifikah milli jkollu kwalunkwe tip ta' licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------